# Theology of the Body

## It-Teoloġija tal-Ġisem – kif ngħix fil-ġisem tiegħi

*Fr Richard-Nazzareno Farrugia*[*]

### 1. Definizzjoni

L-ewwel ħaġa li nridu nagħmlu hija li nifhmu x'inhi t-*Theology of the body*. Din it-teoloġija taf il-bidu tagħha fit-tagħlim tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Infatti nistgħu ngħidu li "the *theology of the body* is John Paul's II biblical reflection on God's mystery discovered in the human body".[1] Bejn Settembru tal-1979 u Novembru tal-1984 dan il-Papa iddedika l-udjenzi ta' nhar ta' Erbgħa (b'kollox 129) biex juri kif il-ġisem tal-bniedem huwa mezz biex bih niskopru lil Alla, li permezz tiegħu Alla jurina min hu. It-teoloġija, infatti, hija "ix-xjenza, l-istudju ta' Alla", jiġifieri l-isforz, magħmul b'ċertu mod, biex nifhmu u ninterpretaw il-verita' li ġew murija lilna. Hija t-tfittxija kontinwa biex nifhmu mgħejjuna bid-dawl tal-fidi.[2]

Iżda l-fidi ma tmurx kontra l-ħsieb tal-bniedem imma tibni fuq ir-raġuni u tmur li 'l hinn mir-raġuni. Dan ngħiduh biex nuru li l-fatt li fit-TOB nitkellmu fuq il-ġisem tagħna fid-dawl tal-fidi jew tal-Bibbja ma jfissirx li dan id-diskors għandu biss sens għal min jistqarr li hu nisrani. Għax qabel huwa diskors "konfessjonali" (ta' xi reliġjon), huwa diskors "uman" jew aħjar "antropoloġiku" (fuq il-bniedem). Bir-raġuni tagħna aħna diġa' naslu għal ċerti konkluzjonijiet, u nagħrfu wkoll xi veritajiet dwar min aħna u x'għandna nagħmlu. Biss bid-dawl tal-fidi, li huwa d-dawl ta' Kristu, nistgħu nsiru nafu aħjar aħna minn tassew aħna, għax bħalma jgħallem il-Konċilju Vatikan II: "il-misteru tal-bniedem jiddawwal tassew biss fil-misteru tal-Iben ta' Alla magħmul bniedem [...] Kristu, Adam il-ġdid, meta juri l-misteru tal-Missier u tal-imħabba tiegħu, juri wkoll għalkollox il-bniedem lill-bniedem stess u jurih is-sejħa l-aktar għolja tiegħu".[3]

Għadna kemm iċċelebrajna l-festa tal-Milied, jiġifieri tat-twelid tal-Iben ta' Alla li jsir jilbes, illi jilbes "il-laħam", in-natura tagħna l-bnedmin biex hekk idawwal bil-ħelsien tiegħu. Il-misteru tal-*Inkarnazzjoni* juri kemm Alla jgħożż il-ġisem tal-bniedem hekk li jieħdu fuqu sabiex jifdih. Kif jgħid mgħallem tal-Knisja Tertulljanu (c.160 – c. 225 A.D.), il-ġisem huwa l-fus li fuqu sserraħ is-salvazzjoni

[*] STL (indirizzo Bioetica) – Accademia Alfonsiana, Roma. Attwalment qed jagħmel id-Dottorat fit-Teoloġija Morali b'argument ta' bioetika fundamentali fl-istess Accademia Alfonsina. Email: farrugiarn@gmail.com.

[1] Jim SEGHERS, *Theology of the Body: an Overview* (pdf), 2: http://www.totustuus.com/TheologyOfTheBodyAnOverview.pdf (last access: 4th January 2013).

[2] Gerald O'COLLINS – Edward G. FARRUGIA, "Teologia", in *Dizionario Sintentico di Teologia*, LEV, Citta' del Vaticano 1995, 373.

[3] KONĊILJU EKUMENIKA VATIKAN II, *Gaudium et spes* (7 ta' Diċembru 1965), par. 22.

tagħna.[4] U dak li Kristu ħa fuqu, fdieh![5] Kristu *ta l-ġisem tiegħu u xerred demmu għall-fidwa tagħna* (cf. *Mt* 26,26-29; *Mk* 14, 22-24; *Lq* 22,15-20; *1 Kor* 11,23-25; anki *Ġw* 6, 26-58).

Għadaqstant, meta nitkellmu fuq *Theology of the Body* qed nitkellmu fuq Alla u fuq il-bniedem, fuq min hu Alla u min aħna aħna, u ħadd aktar minn Kristu, veru Alla u veru bniedem, li huwa persuna waħda b'natura divina u b'natura umana, ma jista' jurina tassew il-verita'. Din il-verita' tista' teħlisna tassew (cf. *Ġw* 8, 32) minn kull xkiel u minn kull jasar li jista' ikollna jekk ma ngħixux tassew ta' bnedmin – u jekk imgħammdin – ta' ulied l-istess Missier.

Fil-kuntest tat-topic prinċipali li fuqu qegħdin nitkellmu, jiġifieri dak tar-*Relazzjonijiet*, ser nillimitaw ruħna biex nitkellmu fuq tliet punti prinċipali mingħajr b'daqshekk inkunu għidna kollox: (1) il-*ġisem* bħala xi *ħaġa li għandna* u *dak li aħna*; (2) xi elementi li *jfaqqruna* bħala bnedmin inkarnati; (3) għerf "antik" dejjem *modern* biex ngħixu b'mod sħiħ ta' bnedmin inkarnati.

## 2. Il-*ġisem* bħala oġġett u bħala suġġett

Ma nafx qattx smajtu l-frażi "*I am my body.*" Din il-frażi tista' toħloq konfużjoni għax tista' tiftiehem ħażin. Min-naħa aħna "ġisimna" fis-sens li ma nistgħux nimmaġinaw lilna nfusna mingħajr ġisem. Biss min-naħa l-oħra m'aħniex biss ġisem, għax infatti ngħid "I" u b'xi mod niddistingwi ruħi minn ġismi anki jekk ma nistax inkun separat minnu. Biżżejjed naraw li meta ġisimna jkun għajjien ma nkunux nistgħu nagħmlu dak kollu li nridu nagħmlu, jew meta parti minn ġisimna tkun marida ma nistgħux ngħidu li jkunu qed naqbżu bil-ferħ.

Infatti l-bniedem huwa *ġisem u ruħ*. Għal min ma jemminx jitkellem *body* u *mind* (mhux *brain*), bejn il-*materja* hu l-*ispirtu*. Mill-Bibbja toħroġ ukoll il-verita' li l-bniedem mhumiex biss materja. Fl-ewwel paġni tal-Bibbja, fil-Ġenesi, insibu l-ħolqien tal-bniedem u f'verżjoni minnu naqraw: "il-Mulej Alla sawwar il-bniedem mit-trab ta' l-art u nefaħlu fi mnifsejh nifs il-ħajja, u l-bniedem sar ħlejqa ħajja" (*Ġen* 2,7). Minn dawn il-kelmiet naraw illi: *il-ġisem huwa msawwar minn Alla* u *f'dan il-ġisem Alla jitfa' in-nifs tiegħu*. Naqraw ukoll li kulma għamel Alla huwa "tajjeb", u allura l-ġisem hu realta' tajba (cf. *Ġen* 1,31). Fuq kollox il-bniedem, ġisem u ruħ, huwa maħluq fuq *ix-xbieha ta' Alla* u l-bniedem jeżisti fil-*verżjoni maskili* jew fil-*verżjoni femminili* (cf. *Ġen* 1,27). Naraw ukoll li l-bniedem ma jħossux mimli waħdu imma huwa maħluq biex iħobb, biex jikkontempla, jara, ikellem, jidħol f'relazzjoni ma' min hu bħalu. Hawn għandna r-rakkont tal-ħolqien ta' Eva mill-kustilja ta' Adam (*Ġen* 2,22). Hu biss meta Adam għandu bniedem ieħor li jista' jifraħ u ma jħossux aktar waħdu (*Ġen* 2, 23) u minnufih insibu hawn ir-raġuni tal-imħabba bejn il-mara u r-raġel (*Ġen* 2,24) li jistgħu jsiru *ġisem wieħed* għax tingħeleb is-solitudni li toqtol lill-bniedem.

Fid-dawl ta' dan kollu nifhmu li meta nitkellmu minn *relationships*, aħna nirrelataw bejnietna bħala ġisem u ruħ. Jien m'iniex biss moħħi u lanqas ma jiena biss ġismi, għax jien inħossni bniedem li

---

[4] "Caro cardo salutis." TERTULLIANUS, *De resurrectione mortuorum*, VIII, 6-7.
[5] GREGORJU NAZJANZENU, *Epistola 101*, PG 37, 181.

għandu ġisem, *dan il-ġisem* u *mhux ieħor*, li jagħżilni minn l-oħrajn u li permezz tiegħu jien *nidħol f'relazzjoni mal-oħrajn*.

Allura, nistgħu nitkellmu mill-*ġisem bħala oġġett* meta nikkunsidrawh mill-aspett anatomiku u mediku, u hawn inħarsu lejn il-ġisem uman bħala nervaturi, arterji, organi, ċelluli. Imma nitkellmu wkoll mill-ġisem bħala *suġġett*, jiġifieri *l-ġisem mgħajjex*: u allura l-ġisem huwa l-*espressjoni tal-persuna* u allura jekk jien inweġġa' il-ġisem tiegħek inweġġa' lilek, bħalma jekk nirrispetta l-ġisem tiegħek nirrispetta lilek, u l-istess ħaddieħor lejna.[6] Fi kliem ieħor nistgħu ngħid li l-ġisem bħala oġġett huwa *l-body that is seen*, mentri l-ġisem bħala suġġett huwa l-*body that is seeing*. Issa l-ġisem tiegħu huwa kemm *seen* kif ukoll *seeing*.[7]

Mela meta ngħidu *I am my body*, ifisser li jien inħossni bħala *jien li għandu ġisem, li huwa ġisem u ruħ*, li jien m'iniex mifrud minn ġismi.

Infatti għal bniedem li jemmen ir-ruħ hija n-nifs ta' Alla. Biss ir-ruħ hi magħquda mal-ġisem. It-tagħlim tal-Knisja matul is-sekli dejjem ċaħad kull tagħlim li kien jgħid li r-ruħ tal-bniedem teżisti qabel imbagħad tingħaqad ma' ġismu. Fil-mument tat-tnissil, fl-istess waqt li jkun hemm il-bażi materjali ta' bniedem, għandna wkoll ir-ruħ li tiġi mogħtija minn Alla lill-bniedem. Infatti, anki il-firda tar-ruħ mill-ġisem fil-mument tal-mewt hija firda temporanja, peress li nemmnu "fil-qawmien mill-imwiet" meta r-ruħ tingħaqad mal-ġisem jew għall-premju jew għal kundanna. L-istess Kristu Rxoxt iżomm in-natura umana tiegħu, ġisem glorjuż li filwaqt li jista' jintmess, jista' jiekol, fl-istess ħin jista' jgħaddi mill-bibien magħluq, jidher u jgħib mingħajr limiti.

Nillimitaw ruħna biex nagħmlu xi osservazzjonijiet:[8]

(1) Mela l-ġisem hu dak li jagħtini *spazju* fid-dinja, li permezz tiegħu *nidħol f'kuntatt mal-ambjent* ta' madwari, u li *permezz tiegħu* nista' niżviluppa l-ambjent ta' madwari.
(2) Imma l-ġisem huwa wkoll *lingwaġġ* li bih *nikkomunika* miegħi nnifsi. Nikkomunika miegħi nnifsi għax jien inħoss profondament *bniedem inkarnat* b'dan il-ġisem tiegħi, hu jiena jiena b'dan il-ġisem. Fl-istess ħin inħoss li dan il-ġisem mhuwiex dak kollu li jiena jien...Jiena appuntu, *aktar minn ġismi*. Jien u nħares lejn ġismi nintebaħ bil-kobor u anki bid-dgħufija tiegħi. Ġisem huwa univers ċkejken li joħloq fiha sens ta' meravilja. Imma wkoll anki dgħajjef, huwa ġisem li jmut, u allura jfakkarni "li jiena trab".
(3) Il-ġisem huwa l-mod kif jien *nikkomunika mal-oħrajn*. Min-naħa l-ġisem *jgħatti* dak li hemm f'qalbi hekk li jien nista' ukoll nagħmilha ta' attur u naħbi l-intenzjonijiet u s-sentimenti tiegħi lill-oħrajn. Apparti meta nagħmluh bl-ingann, nindunaw ukoll li xi drabi b'ġisimna u bis-sensi tagħna m'aħniex kapaċi nfissru dak li hemm f'qalbna. Biss min-naħa l-oħra permezz ta' ġisem *nikxfu* lilna nfusna lill-oħrajn. Dan nagħmluh permezz tal-*presenza fiżika tagħna* (kemm drabi l-fatt li xi ħadd

---

[6] Edmund HUSSERL (1859-1938) jitkellem mid-distinzjoni bejn *Körper* (corpo) u *Leib* (corporieta').
[7] Cf. Jenny SLATMAN, "Transparent Bodies: Revealing the Myth of Interiority", in Renee VAN DE VALL – Robert ZWIJNENBERG (ed.),*The Body Within: Art, Medicine and Visualization*, Netherlands 2009, 120.
[8] Meħuda minn Sabino PALUMBIERI, *L'uomo meraviglia e paradosso. Trattato sulla costituzione, con-centrazione e condizione antropologica*, Compendio a cura di Cristiana Freni, = Manuali di Filosfia 17, Urbaniana University Press, Citta' del Vaticano 2006, 61-72.

ikun qribna jagħmlilna kuraġġ bħal meta nkunu mitfugħa fis-sodda u jiġi xi ħadd qrib tagħna: mhux ta' b'xejn Ġesu' ħa ġisem biex jimliena bil-presenza tiegħu!). Imma aħna nikkomunikaw ukoll fuq 3 livelli:

- fuq il-livell "viżibbli" permezz tal-*wiċċ* tagħna, il-*ħarsa* li nagħtu, id-*daħk* jew il-*biki* li nużaw sa minn meta nkunu għadna trabi;
- fuq il-livell "tal-qalb", tal-"affett" permezz tal-*vuċi* tagħna, tal-*kuntatt fiżiku*, tal-*karezza* jew *tgħanniqa*, tal-*bewsa*;
- fuq il-livell "tal-posizzjoni" fil-mod kif noqgħodu (bilqiegħda, bilwieqfa, mitluqa...), u kif *nilbsu*.

(4) Nintebħu għalhekk kemm il-ġisem tagħna għandu rwoli differenti: dak *li jagħżilna* mill-bqija tal-univers u tal-bnedmin; dak li fl-istess ħin *iressaqna* lejn l-oħrajn waqt li nibqgħu dejjem *mifruda* mill-oħrajn; dak li *nikkomunikaw mal-oħrajn* u dak li *nesprimu/nuru lilna nfusna*.

Osservazzjoni ulterjuri:

(5) Element tal-aħħar li nixtieq insemmi huwa dan: il-fatt li l-ġisem tal-bniedem huwa dejjem il-ġisem ta' **persuna**. B'persuna nifhmu *individwu* li huwa ħaġa waħda fih innifsu u mifrud mill-oħrajn ta' natura razzjonali. Meta nitkellmu fuq "persuna" qed nidħlu fuq xi ħaġa li għandha x'taqsam mal-*essenza*, ma' *dak li tassew xi ħaġa hija*. Kull bniedem, in kwantu huwa esseri appartenenti għall-ispeċi umana, huwa *persuna*, esseri razzjonali, anki jekk ma jeżerċitax il-fakultajiet razzjonali tiegħu, għax il-fatt li huwa persuna ma jiddependix mill-esterjorita', jew minn dak li jidher, imma minn *dak li huwa fil-fatt*, u ġaladarba fil-fatt huwa bniedem, allura huwa *persuna*. Kull *persuna* tgawdi minn dinjita' li kulħadd għandu jirrispetta. Din id-dinjita' tiġi espressa fil-ħarsien tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem.

(6) Allura l-ġisem tal-bniedem huwa dejjem il-ġisem ta' persuna u għaldaqstant ir-rispett u l-ħarsien ta' dan il-ġisem hija ogħla minn dik ta' ħlejjaq oħrajn u dan ir-rispett għandu jingħata għal ġisem ta' kull bniedem hu f'liema fażi huwa tal-iżvilupp tiegħu. Dan ifisser ukoll li ma nistax inħares lejn il-ġisem tal-bniedem bħala *ġisem* iddominat sempliċiment mill-istint. Il-bniedem huwa wkoll persuna ħielsa u responsabbli.

(7) Fuq kollox il-ġisem huwa *don* u għalkemm huwa tagħna dan ma jfissirx ma għandniex responsabilita' lejn il-ħajja tagħna. Kull att li jpoġġi f'riskju l-ħajja mingħajr motivazzjonijiet ta' valuri ogħla (bħalma tista' tkun l-imħabba lejn Alla, l-imħabba lejn l-oħrajn), huwa att li jmur kontra l-bniedem u l-bniedem m'għandux dritt jagħmlu fuqu nnifsu (self-mutilation, atti ta' suwiċidju, l-ewtanasja). Anzi l-ġisem għalina għandu valur kbir u mhux ta' b'xejn insibu li fl-istorja tal-knisja għandna l-iżvilupp tal-mediċina, tal-kura fl-isptarijiet, tal-isports dejjem bil-loġika ta' *mens sana in corpore sano*: jekk ġisimna jkun b'saħħtu, allura nkunu anki mentalment b'saħħitna. Jekk il-ġisem huwa don, allura permezz ta' *ġisimna* aħna *ningħataw* għal xulxin fl-imħabba fuq livelli differenti: bħala ulied ningħataw għall-ġenituri tagħna, bħala aħwa lill-ħutna, bħala ħbieb lill-ħbiebna, bħala miżżewġin lir-raġel jew lill-mara tagħna, bħala ġenitur lill-ulied, bħala ikkonsagrat jew saċerdot lill-familja ta' Alla.

(8) Nota oħra: il-fatt li aħna ġisem u ruħ ipoġġina kontra kull tip ta' mentalita' li tistmerr il-ġisem jew tistmerr lir-ruħ. Jien inħobb b'ruħi u b'ġismi: ma nħobbx verament jekk inħobb b'ruħi biss jew b'ġismi biss. Hija gidba li nagħmel mal-oħrajn u qabel xejn miegħi nnifsi. Id-diviżjoni ġewwa fina tgħajjina, u tfaqqarna ħafna. L-istess jien ma nistax inħobb il-ġisem ta' xi ħadd mingħand ma nħobb il-persuna: f'dan il-każ inkun qed nuża lill-persuna bħala oġġett għalija. Lanqas nista' inħobb lil xi ħadd fir-ruħ biss, jiġifieri ma nurihx li nħobbu. Kif ser inkun naf li xi ħadd iridli l-ġid jekk lanqas qatt ma jitbissem, ikellimni jew jersaq lejja?

(9) Permezz tal-fidwa miġjuba minn Kristu, il-ġisem għandu sehem mill-qawmien u hu msejjaħ biex jiġġedded permezz tal-Ispirtu s-Santu li tiegħu l-ġisem huwa t-tempju. Il-ġisem tan-nisrani, huwa u jistenna l-qawmien mill-imwiet, huwa diġa' meħlus milli jgħix skont il-ġisem għax hu indifen ma' Kristu biex jirxoxta miegħu: "...se siamo morti con Cristo, crediamo che anche vivremo con lui, sapendo che Cristo risorto dai morti non muore piu', la morte non ha potere su di lui" (*Rum* 6,6). Imbagħad dan il-ġisem għad jiġi mlibbes bil-glorja tal-Irxoxt: "Aħna pajżana tas-sema pajjiżna. Minn hemm bil-ħerqa nistennewh jiġi lis-Salvatur tagħna Sidna Ġesu' Kristu. Hu għad ibiddel il-ġisem imsejken tagħna fis-sura tal-ġisem glorjuż tiegħu, bis-saħħa tal-qawwa li għandu li jġib kollox taħtu" (*Fil* 3,20-21). Għalhekk il-bniedem li huwa ruħ, ġisem u Spirtu (*1 Tess* 5,23), hu msejjaħ biex jgħix bħala *bniedem spiritwali* li ma jfissirx li "jinfired" minn ġismu bħallikieku xi ħabs imma li ġismu stess ma jkunx il-*ġisem tal-mewt* (fejn il-bniedem jgħix fil-baxx u fil-miżerja ta' ħajja lsira tal-vizzji u nieqsa mill-liberta') imma jkun il-*ġisem tal-ħajja, mifdi u li jgħix fi Kristu, li jagħti l-ħajja bl-imħabba li tingħata*. San Pawl ma jistedinx għaċ-ċaħda tal-ġisem imma biex ngħixu tassew is-sbuħija tal-ġisem tagħna mifdi, merfugħ, imfejjaq u msaħħaħ bil-qawwa tal-grazzja ta' Kristu:

> Ma tafux li l-iġsma tagħkom huma membri ta' Kristu? Jaqaw għandi nagħmel mill-membri ta' Kristu membri ta' mara żienja? Ma jkun qatt! Ma tafux li min jingħaqad ma' mara żienja jsir ġisem wieħed magħha? Isiru, kif tgħid l-Iskrittura, it-tnejn ġisem wieħed. Min jingħaqad mal-Mulej hu ruħ waħda miegħu. Aħarbu ż-żína! Kull dnub li wieħed jagħmel hu 'l barra minn ġismu, iżda min jagħmel iż-żína jkun qiegħed jidneb kontra ġismu stess. Jew ma tafux li ġisimkom hu tempju ta' l-Ispirtu s-Santu, li jinsab jgħammar fikom, li għandkom minn Alla? Ma tafux li intom m'intomx tagħkom infuskom? Bil-għoli kontu mixtrija! Mela agħtu ġieħ lil Alla permezz ta' ġisimkom. (*1 Kor 6*, 15-20)

(10) Biex nikkonkludu din it-taqsima nirrikorru għad-distinzjoni li żgur smajtu fuqha bejn *eros, philia, agape* meta nitkellmu fuq l-imħabba. L-*eros* hija dik il-ġibda biex ngħidu hekk spontanja jew naturali ta' bejn raġel u mara. Fil-mitoloġija griega, l-eros hija t-tifla ta' *Peneia* u ta' *Poros*. *Poros* tfisser *abbundanza* e *Penai* li tfisser *faqar*. *Poros* kellu l-ġwienaħ imma kienu mtaqqbin u allura ma setax jitla' il-fuq.[9] L-imħabba erotika allura hi mħabba li tfisser il-milja imma waħidha ma

[9] Cf. Platone, *Symposium* 178.

tistax issibha għax tibqa' dejjem fqira. Il-bniedem għandu fih l-impuls imma dan mhux biżżejjed biex jimla lill-qalb tiegħu. L-imħabba li timla' il-qalb tal-bniedem hija dik li tinfetaħ għall-bniedem ieħor permezz tal-*ħbiberija* (philia) u dik li *tagħti ħajtek għall-ieħor* (agape). L-*agape* hija l-imħabba li għaliha maħluq il-bniedem għaliex il-bniedem huwa *bniedem* li mhux maħluq biex ikun magħluq fih innifsu – imma biex *jingħata lill-oħrajn* billi jfittex il-ġid tal-oħrajn qabel il-ġid tiegħu. Fi Kristu din l-imħabba fost il-bnedmin issir possibli. Huwa fid-dawl tal-*agape* li l-*eros* isib il-post tiegħu bħala dik il-ġibda li jekk *norjentaha* u *nippurifikaha* twassalni biex ninfetaħ għall-oħrajn fl-għotja tiegħi nnifsi kollni kemm jien (mhux b'ruħi biss, imma b'ġismi wkoll). B'hekk l-*eros* ma jsirx xi alla li jagħmilni skjav, bħallikieku jien pupu f'idejn l-impulsi tiegħi. Imma nkun nista' ngħix ta' bniedem ħieles fejn – biex ngħidu hekk – mhux *ġismi jikkmandani*, imma jien nagħżel biex *bħala ġisem u ruħ* inħobb. Inħalli b'silta tal-Papa Benedettu XVI:

> Yet *eros* and *agape*—ascending love and descending love—can never be completely separated. The more the two, in their different aspects, find a proper unity in the one reality of love, the more the true nature of love in general is realized. Even if *eros* is at first mainly covetous and ascending, a fascination for the great promise of happiness, in drawing near to the other, it is less and less concerned with itself, increasingly seeks the happiness of the other, is concerned more and more with the beloved, bestows itself and wants to "be there for" the other. The element of *agape* thus enters into this love, for otherwise *eros* is impoverished and even loses its own nature. On the other hand, man cannot live by oblative, descending love alone. He cannot always give, he must also receive. Anyone who wishes to give love must also receive love as a gift. Certainly, as the Lord tells us, one can become a source from which rivers of living water flow (cf. *Jn* 7:37-38). Yet to become such a source, one must constantly drink anew from the original source, which is Jesus Christ, from whose pierced heart flows the love of God (cf. *Jn* 19:34).[10]

## 3. Xi elementi li *jfaqqru* l-ġisem tal-persuna

Fil-qosor nixtieq fid-dawl tat-TOB, nelenka xi aspetti li forsi jolqtu mill-qrib l-argument tagħna tar-relazzjonijiet. Hawn insemmu xi aspetti ta' *ftaqir*, jiġifieri meta ma ngħixux sew l-unita' tagħna ta' ġisem u ruħ fil-mod kif nikkomunikaw mal-oħrajn.

### 3.1 In-narċisismu.

Ilkoll nafu li meta nkunu iffissati fuqna nfusna naslu biex ma nkunux kapaċi naraw lil ħaddieħor. Dan jiġri anki meta niffissaw b'mod esaġerat fuq il-ġisem tagħna. Jekk nikkonvinċu ruħna li aħna sbieħ allura naraw lil ħaddieħor inqas minna, u jekk nikkonvinċu ruħna li aħna koroh, allura naraw lil ħaddieħor ogħla minna. F'dan il-każ għandna *low self-esteem* kemm meta għandna *superiorty complex* jew *inferiority complex*. Biex niddefendu ruħna nibqgħu magħluqa fid-dinja żgħira tagħna fejn naraw lil kulħadd kif inridu aħna mingħajr ma mmorru lejn il-qofol tad-diffikulta': ċioe' l-*inkapaċita' li naċċetta lili nnifsi kif jien*.

---

[10] BENEDICT XVI, *Deus caritas est*, 25th December 2005, 7.

Il-ġisem tiegħi nrid nieħu ħsiebu imma dan ma jfissirx li nagħmlu l-alla tiegħi. Nagħmlu l-*alla* tiegħi meta kollox idur miegħu, meta npoġġi f'riskju l-istess saħħa tiegħi għall-ġismi: bħalma jistgħu jkunu *dieti* bla kontroll, jew *eżerċizzju* eċessiv, jew *pilloli* biex ikabbru l-muskoli. Meta jiġri dan l-*isports* ma jibqax mument ta' *well-being* u anki mument ta' soċjalizzazzjoni, imma jsir parti minn *osessjoni* biex innaqqas il-piż u jkolli l-ġisem perfett.

Bniedem iffissat fuqu nnifsu u fuq ġismu ma jirnexxilux joħloq relazzjonijiet stabbli u b'saħħithom għax kollox jinbena fuq l-interessi tiegħu. L-istess jekk fir-relazzjonijiet *nużaw* lill-oħrajn bħala *iġsma* u mhux bħala persuni. Huwa l-fenomenu hawn tal-*playboy* li jitfa' velu fuq wiċċu u ma jibqax iħares lejn il-wiċċ tal-ieħor. Hawn l-*eros* isir *erotiżmu*: filwaqt li l-*eros* iwassal għall-għaqda, l-*erotiżmu* ifittex biss il-pjaċir. L-*eros* ifittex persuna, l-*erotiżmu* jfittex *ħaġa/oġġett*.[11]

"Mhux sew li l-bniedem ikun waħdu..." Meta l-bniedem jingħalaq fih innifsu, iħares biss lejh innifsu, jifga fih innifsu u jmut fih innifsu għax ma jħobbx. Ġismu flok huwa *espressjoni* ta' dak li hemm ġewwa fih isir *maskra* li tgħattih, anzi jsir *idolu falz* li jagħmel lill-bniedem skjav.

L-imħabba vera ma tinbitx bejn żewġ persuni magħluqin fihom infushom imma bejn tnejn illi jingħataw lil xulxin. Hu meħtieġ għalhekk li *naċċettaw il-ġisem tagħna* u nkunu saqajna mal-art. Huwa minnu li għandna nieħdu ħsieb il-ġisem tagħna u mhux sewwa nintelqu, iżda fl-istess ħin ma nridux nimmaġinaw *ġisem ideali* li hu impossibli li jkollna. Il-*self-esteem* tinbet meta nkunu kapaċi naċċettaw lilna nfusna kif aħna mingħajr ma jkollna immaġġni ideali tagħna nfusna mbiegħda ħafna mir-realta' ta' dak li naraw fil-mera. Ġisem bis-sabiħ u bid-difetti tiegħu, jagħmilni persuna unika. Dan huwa ġismi, u ma jkollix ieħor għajru! B'dan il-ġisem jien imsejjaħ biex inħobb lil Alla u lill-bnedmin: "Vi esorto dunque, fratelli, per la misericordia di Dio, a offrire i vostri corpi come sacrificio vivente, santo e gradito a Dio; è questo il vostro culto spirituale." (*Rum* 12,1). Espressjoni ta' din is-*self-acceptance* insibuha jekk kontinwament niftakru li ħalaqna s-Sabiħ innifsu fuq ix-xbieha u s-sura tiegħu u għaldaqstant nistgħu ngħidu: "Inroddlok ħajr għax tal-għaġeb għamiltni" (*S* 139, 14).[12]

## 3.2 Il-pornografija.

Xi ħaġa li żgur qed tfaqqar ir-relazzjonijiet ta' bejnietna hija sistema ta' konsumiżmu li lesta tfaqqar lill-bniedem biex tistgħana hi. Ninsabu esposti kontinwament għall-użu tal-ġisem uman bħala *oġġett ta' akkwist*. Faċilment nistgħu niġu manipulati b'tali mod li s-sess jiġi ippreżentat bħala logħba li ftit li xejn għandna sinifikat. Is-sess isir biss *pjaċir*, *bżonn* bħal ħafna oħrajn u ma jfisser xejn.

Il-bniedem hekk jispiċċa b'*amputation* kbira ġewwa fih. Hija l-*amputation* mil-liberta' u mir-responsabilita' tiegħu. Għidna li l-bniedem iħobb b'ruħu u ġismu. Il-ġisem huwa dejjem il-ġisem ta'

---

[11] PALUMBIERI, *Antropologia e sessualità. Presupposti per un'educazione permanente*, Società Editrice Internazionale, Torino 1996, 209-210.

[12] Is-*salm 139* huwa eżempju ċar ta' kif il-bniedem jara lilu nnifsu bl-għajnejn ta' Alla. Alla huwa dak li jaf is-sigrieti tal-qalb u l-ħsibijiet l-aktar moħbija; huwa dak li kien preżenti u sawwar lill-bniedem sa mill-bidunett tal-eżistenza tiegħu u jaf it-tul tal-jiem fuq din l-art; huwa dejjem preżenti kull fejn ikun il-bniedem.

persuna. Il-porografija tagħmel lill-bniedem inkapaċi biex jgħix is-sesswalita' tiegħu biex iħobb lill-persuna għax isir skjav tat-tfittxija ta' pjaċir li jfaqqru dejjem aktar.

Minn banda għalhekk, f'dawn l-aħħar sħiħ, kellna l-liberalizzazzjoni tas-sesswalita' għax waqa' it-*taboo* fuq is-sess li kien jeżisti, imma wkoll il-liberalizzazzjoni *mis*-sesswalita' fejn ġisimna donnu m'għadux tagħna, fejn inqisu lilna nfusna bħala oġġett u lill-oħrajn bħala oġġett.

Apparti r-riskji ta' mard sesswalment trasmess, f'dan l-atteġġjament tassew insiru persuni inkapaċi li nħobbu li għandna bżonn nerġgħu nieħdu pussess tal-ġisem tagħna.

### 3.3 L-apparenza

Il-mod kif nidhru huwa importanti għal kulħadd. Jekk nilbsu b'mod stramb nistgħu nbiegħdu lill-ħaddieħor minna. Imma qed ngħixu ħafna f'kultura fejn jgħodd dan li *jidher* jew *dak li turi li għandek* milli *dak li int*.

Waqt li nitilfu ħafna ħin biex *nidhru sbieħ*, tajjeb nistaqsu kemm *aħna tassew sbieħ minn ġewwa*. Kemm aħna sinċiera mal-oħrajn? Kemm nippruvaw nirrispettaw lill-oħrajn? Kemm jirnexxieli ngħożż lil ħaddieħor għal dak li hu u mhux għal dak li għandu? Kemm nimxu bl-*etiketti*? Kemm nibnu l-istima tagħna fuq dak li *nilbsu* u dak li għandna?

Imma minflok tajjeb niżviluppaw il-faxxinu tal-qalb tagħna, dak il-faxxinu li jikkonsisti fir-rikezza li għandi ġewwa fija. Kristu jiġi msejjaħ *l-isbaħ fost ulied il-bnedmin* anki jekk l-imħabba tiegħu għalina twasslu biex wiċċu jkun sfigurat, imma hekk tidher is-sbuħija tal-imħabba. Hekk naraw kif il-ġisem tagħna, anki jekk forsi mhuwiex l-isbaħ wieħed, xorta huwa strument u *espressjoni* li bih nista' inwassal lill-ħaddieħor kemm tassew inħobbu fis-sinċerita', lealta', irġulija, rispett. Għandna bżonn fis-soċjeta' tagħna tal-apparenza, nitgħallmu tassew *inħarsu fil-fond*, biex ma narawx biss il-qoxra, imma l-qalb.

Jekk *nemmen fija nnifsi* jien inħobb *fil-liberta'*. Ma naqax fil-kompromess li ngħatti lili nnifsi biex inkun milqugħ mill-oħrajn. Dak li għandu jbiddilni għandha tkun l-imħabba, dik awtentika ta' min jikkunsidra lill-ħaddieħor dejjem bħala persuna.

L-edukazzjoni tas-*sensi* tagħna, jgħinuna biex permezz tal-ġisem tagħna *nesprimu s-sbuħija tal-qalb* billi aħna stess inkunu kapaċi *narawha* u *nikkontemplawha*. Ma ninsewx li x-xhieda tal-qawmien ta' Kristu u tal-Vanġelu tinbeda kollha fuq il-fatt li l-Missier *deher* fil-Verb, u stajna *nisimgħu*, *naraw*, *immissu* lil Alla magħmul bniedem. Dan juri kemm tabilħaqq il-ġisem tagħna huwa l-kanal biex naraw is-sbuħija ta' Alla u biex inwassluha lill-oħrajn:

> Dak li kien mill-bidu, dak li aħna smajna, li rajna b'għajnejna, li lejh ħarisna u li messew idejna, jiġifieri l-Kelma tal-ħajja, dan sejrin inxandrulkom. Għax il-ħajja dehret u aħna rajnieha u qegħdin nixhdu għaliha. Qegħdin inxandrulkom il-ħajja ta' dejjem li kienet għand il-Missier u dehret lilna. Qegħdin inxandrulkom dak li aħna rajna u smajna, biex intom tissieħbu magħna, u l-għaqda tagħna tkun mal-Missier u ma' Ibnu Ġesù Kristu. U qegħdin niktbu dan biex il-ferħ tagħkom ikun sħiħ. (*1 Ġw* 1,1-4)

## 4. Għerf "antik" u dejjem ġdid

F'din l-aħħar parti nixtieq naqsam magħkom xi strumenti li bihom nistgħu ngħixu bl-aħjar mod ir-relazzjoni mal-ġisem tagħna. Huwa għerf *antik* għax huma kelmiet li x'aktarx fi żmienna ma tantx għadhom popolari, imma dak li hu *antik* ma jfissirx li hu *antikwat* jekk jista' iservi anki ta' għajnuna lill-bniedem ta' żmienna – għaldaqstant hu tagħlim *ġdid* għax qatt ma jitlef l-attwalita' tiegħu.

### 4.1 Id-dixxiplina (*self-control*)

Għal min irċieva l-Griżma tal-Isqof jaf illi wieħed mill-frott tal-Ispirtu s-Santu huwa r-*rażan* (cf. *Gal* 5,22). Malli nisimgħu l-kelma *rażan* jew *dixxiplina* l-ewwel ħaġa li tiġina f'moħħna hija xi ħaġa li tillimita jew tmur kontra l-*liberta'*. Biss dan għaliex ma nifhmux xi tfisser tkun persuna *ħielsa*. Tassew inkunu ħielsa meta nagħmlu li nridu? Diġa' tkellimna mill-fatt li l-liberta' tal-bniedem li huwa ġisem u ruħ ma tistax tkun is-sempliċi timxi mal-istint, anki għax fil-bniedem m'hemmx sempliċi istint animalesk, għax appuntu għandu moħħ u rieda. Il-liberta' tal-bniedem isseħħ meta nużaw il-moħħ u r-rieda biex nagħmlu għażliet *responsabbli*, jiġifieri għażliet li *jibnuna bħala bnedmin* u li jgħinuna ngħixu skont dak li tassew jagħmilna persuni ħielsa: l-imħabba lejn l-oħrajn. Kull bniedem għandu liġi naturali ġewwa fih biex jagħmel it-tajjeb u jevita l-ħażin, u ċertament f'din il-liġi hemm ukoll l-impenn li wieħed jgħix skont il-verita' tiegħu ta' bniedem, li bl-għażliet li jagħmel isir aktar bniedem u ma jagħmel xejn kontra l-oħrajn.

Il-liberta' hija għalhekk mhux il-libertinaġġ li nagħmel dawk l-għażliet l-aktar komdi għalija, imma li fl-istess ħin iwassluni biex insir skjav tal-vizzju u biex ngħix ħajja medjokri l-bogħod mill-kobor tad-dinjita' tiegħi, imma hija *liberta' responsabbli* li twassalni biex infittex dak li hu sewwa, u nkun inrid dak li hu veru, u nagħżlu anki jekk jitlobni li nagħmel xi sagrifiċċji, jew li nagħmel xi għażliet li mal-ewwel impatt ma tantx ikunu komdi.

Fil-pjan ta' Alla, il-liberta' tal-bniedem hija *sinjal mill-aktar ogħli tax-xbieha divina* li hu jġorr: "Alla ried iħalli lill-bniedem "u ħallieh f'idejn ir-rieda tiegħu" (cf. *Sir* 15,14) biex hekk ifittex b'mod ħieles lill-Ħallieq tiegħU, u jasal b'mod liberu, bl-"iva" tiegħu għaliH, għall-perfezzjoni sħiħa u hienja".[13] Fi kliem ieħor mela, b'liberta' ma nridux nifhmu biss *freedom from* li jista' ikollna jew ma jkollnix, imma *freedom to*: inkun ħieles biex inħobb, biex ningħata. Għax dan hu l-bniedem, xbieha ta' Alla li juri lilu nnifsu billi jingħata għalina u dan hu l-kmandament li jiggarantixxi l-liberta' tiegħu: *Li nħobbu lil xulxin kif ħabbna hu*: "B'dan naslu biex nagħrfu x'inhi l-imħabba: li Ġesù Kristu ta ħajtu għalina. Aħna wkoll mela għandna nagħtu ħajjitna għall-aħwa. Dan hu l-kmandament tiegħu: li nemmnu fl-isem ta' Ibnu Ġesù Kristu, u nħobbu 'l xulxin, kif wissiena hu." (*1 Ġw* 3,16.23).

F'dan il-kuntest ir-*rażan* jew is-*self-discipline* tidħol bħala strument biex inkunu persuni aktar ħielsa. Ilkoll nagħmlu esperjenza ta' dan fil-ħajja ta' kuljum. Biex nimxi l-quddiem fl-istudji nrid nitrażżan mill-aptit li jkolli li nagħmel affarijiet li jidhru u huma aktar rilassanti. Biex nagħmel progressi f'xi

[13] GIOVANNI PAOLO II, *Veritatis splendor*, 34.

sport partikulari jrid ikolli ċerta dixxiplina ta' *training* u anki ta' tqassim tal-ħin tal-ġurnata. Jekk dan jgħodd għal dawk l-affarijiet, jgħodd ukoll għal mod kif ngħixu s-sesswalita' tagħna. Is-sesswalita', il-mod kif ngħixu ta' irġiel jew ta' nisa, mhijiex xi ħaġa tal-istint, għax hija dejjem is-sesswalita' ta' *persuna*. Mela allura s-sesswalita' apparti li hija ġibda naturali u *don* hija wkoll *impenn* biex ngħixu din is-sesswalita' b'mod li ninbnew fir-relazzjonijiet ta' bejnietna. U dan iseħħ billi *nikkanalizzaw* (to channel) din l-enerġija b'mod posittiv. Rajna l-ewwel kif l-*eros* jekk ma jimxix lejn l-*agape* jibqa' frustrat u jista' isir *idolu* li jbaxxi u mhux jgħolli lill-bniedem għall-imħabba. Dan narawh spiss fil-ħajja ta' kuljum. Kemm għandek nisa jew irġiel ma jindikax kemm int ferħan jew le, jew kemm int raġel jew le. Anzi nafu min jinqered u jintefa' ġewwa fih. Spiss mas-sess bla rażan jidħlu affarijiet oħra li huma kuntrarji għas-saħħa tal-ġisem bħalma hu l-alkoħol u d-droga. Fil-fatt il-ġisem jiġi mistmerr għax ma jibqax aktar tagħna imma bħal isir mostru li jmexxina.

Biex ngħixu s-*sesswalita'* tidħol ir-raġuni li tgħinna naraw liema huma l-valuri li nridu nħaddnu; u tidħol anki l-*liberta'* biex nagħmlu għażla responsabbli fid-dawl ta' dawn il-valuri.[14]

Meta jkollna *self-discipline* allura niskopru l-aqwa triq biex inkunu *at one with our bodies* u nibnu relazzjonijiet awtentiċi u inter-persunali għax meta jien *niddomina lili nnifsi* allura nista' *nagħti lili nnifsi*.

Din is-self-discipline tikber billi wieħed ikun jaf aktar lilu nnifsu, ikun kapaċi ma jimxix skont l-impuls imma misjuq minn motivazzjonijiet persunali li jwasslu għal għażliet konxji u ħielsa, billi jħalli t-tagħlim ta' Kristu idawwlu l-ħajja tiegħu u jitlob lilll-Alla, imħabba nnifisha, biex jgħinu jħobb bl-istess imħabba tiegħU.[15]

## 4.2 Il-kastita'

L-ewwelnett, inridu nagħtu definizzjoni ta' din il-kelma biex nevitaw taħwid. Il-kastita' mhijiex repressjoni tas-sesswalita', imma stil ta' ħajja li fih ngħix is-sesswalita' bħala bniedem li għandi moħħ, rieda u qalb għall-oħrajn. Il-KATEKIŻMU TAL-KNISJA KATTOLIKA jgħallem:

> Il-kastità tfisser l-integrazzjoni sħiħa tas-sesswalità fil-persuna umana biex hekk ikun hemm għaqda sħiħa bejn ir-ruħ u l-ġisem fil-bniedem innifsu. Is-sesswalità, li biha l-bniedem jagħmel sehem mid-dinja korporali u bijoloġika, issir personali u tassew umana, jiġifieri tixraq lill-bniedem, meta tiġi integrata f'relazzjoni ta' persuna ma' persuna oħra, fl-għoti lil xulxin għal żmien bla tmiem tar-raġel u l-mara. Il-virtu' tal-kastità għalhekk titlob kemm l-integrità tal-persuna umana u kemm is-sbuħija tal-għotja li ssir fiż-żwieġ.[16]

[14] "La libertà è la capacità di progettare modulando anzitutto le proprie richezze di essere – come la sessualità – in riferimento ad un quadro di valori". PALUMBIERI, *Antropologia e sessualità…*, 274.
[15] KATEKIŻMU TAL-KNISJA KATTOLIKA, par. 2339-2340.
[16] *Ibid.*, par. 2337.

Bl-integrita' tal-persuna nifhmu li l-bniedem iżomm *unita'/għaqda* fil-ħajja tiegħu u fl-imħabba tiegħu billi ma jkollux *double life* fejn jgħix f'gibda miegħu nnifsu u mal-oħrajn. Dan iseħħ bis-*self-control* li semmejna qabel. Il-bniedem imbagħad jkun jista' iħares *l-għotja sħiħa tiegħu nnifsu* għax il-bniedem kast mhuwiex bniedem mejjet imma bniedem li jħobb u li jagħti xhieda lill-proxxmu tiegħu tal-imħabba u t-tenerezza ta' Alla.[17] Il-bniedem kast hu tassew kapaċi jkun *ħabib sinċier* li bil-ħbiberija tiegħu jgħin lill-persuna l-oħra tħossha maħbuba u ssir persuna aħjar.

Għaldaqstant il-kastita' mhijiex atteġġjament li jirreprimi l-imħabba imma li *jesprimiha* tassew. Il-kastita' – meta nifhmu li tħaddan il-valur tal-imħabba u mhux id-disvalur tal-biża' mill-oħrajn – ma toħloqx ansja u lanqas hija sinjal ta' dgħufija imma hija *qawwa* li tgħinna nħarsu mhux lejna nfusna imma lejn l-oħrajn. Kulħadd jgħix il-kastita' skont l-istat tiegħu: anki bejn l-għarajjes il-kastita' tgħix biex ma jsirux *short circuits* fir-relazzjoni ta' bejniethom imma tgħinhom jiskopru dejjem aktar lil xulxin, *jaraw* dejjem aktar *il-qalb ta' xulxin* biex imbagħad ġaladarba jingħaqdu f'qalb waħda, f'ġisem wieħed fiż-Żwieġ ikunu tassew jistgħu jagħtu lil xulxin u l-ġisem ta' xulxin lil xulxin.

### 4.3 Id-diċenza

Huwa interessanti r-rakkont tal-Ġenesi li jurina l-konsegwenzi tal-waqgħa fi dnub. Qabel id-dnub, Adam u Eva ma kellhomx diffikulta' fuq il-fatt li kienu għarwiena, u l-għera tagħhom ma kinitx toħloq fihom sens ta' mistħija jew ta' dgħufija. Imma malli jaqgħu fid-dnub naraw dak din is-serinita' tintilef u jidħol skiwilibrju bejn il-bniedem u l-ġisem tiegħu: "U nfetħu għajnejhom it-tnejn u ntebħu li kienu għerja, u ħietu weraq tat-tin, u għamlu iħżma" (*Ġen* 3,7). Il-ġisem, biex ngħidu hekk, iħoss l-effetti tal-konfużjoni li tidħol fl-interjorita' tal-bniedem u hekk fil-ġisem jingħax id-diżordni li d-dnub joħloq fil-ħolqien. Biss Alla ma jħallix lill-bniedem waħdu u wara li jwiegħed li l-bniedem ser jiġi salvat, insibu dettal interessanti fejn Alla jagħti libsa lill-bnedmin: "U l-Mulej Alla għamel lil Adam u 'l martu ħwejjeġ tal-ġild u libbishomlhom" (*Ġen* 3, 21).

Il-*ħwejjeġ tal-ġid* li Alla jlibbes lill-bniedem għandhom kemm funzjoni biex jilqgħu għad-dgħufija tal-ġisem espost għall-elementi, imma wkoll iridu jfissru dik id-dinjita' tal-*bniedem* maħluq fuq xbihet Alla li għalkemm ġiet imċappsa bid-dnub ma ntilfitx. Jekk qabel il-bniedem ma kellux bżonn ħwejjeġ biex jiddefendi lilu nnifsu u lanqas biex jesprimi d-dinjita' tiegħu, issa għandu bżonnhom. U nafu kif fil-kulturi diversi l-*ilbies*, mill-aktar elementari bħalma jista' ikun l-*imsielet* jew *il-marki fuq il-ġisem b'kulur partikulari* għall-ħwejjeġ kif nafuhom fil-kultura tagħna huma lingwaġġ li jesprimu l-identita' ta' dak il-bniedem partikulari.

Ir-rispett lejn il-ġisem tiegħi titlob ukoll *sens ta' diċenza* li jwassalni biex bil-mod kif nitkellem, inġib ruħi u nilbes *nesprimi* d-dinjita' li għandi. L-għera tal-ġisem tista' faċilment tesponini għall-isfruttament fejn niġi ikkunsidrat bħala oġġett u xejn aktar. Hemm il-ġisem flok jesprimi dak li jien (l-interjorita' tiegħi) jgħattini u jirriduċini f'oġġett. Ir-rispett lejja nnifsi jesprimi ruħu anki fil-mod kif nilbes u x'nilbes. Hawn jinsab is-sens tal-ilbies xieraq u l-valur tad-diċenza.

[17] *Ibid.*, par. 2346 ff.

Id-*diċenza* hija l-kustodju/gwardjan tal-imħabba. Il-filosofu Max Scheler jipparagunaha ma' velu fin li jgħatti l-ġisem. Hu jara fl-iskultura Griegi l-aktar importanti tal-alla Afrodite, mgħottija b'dak il-velu fin fuq ġisimha dak is-sens ta' pudur għax appuntu jħares l-intimita'.[18] Id-*diċenza* appuntu mhijiex li wieħed jissoprimi l-istint sesswali. Anzi bil-kuntrarju: *jistimola b'mod erotiku l-imħabba*. Xi jfisser dan? Ifisser bid-diċenza, meta b'li nilbsu nħarsu l-intimita' tagħna u anki dik tal-oħrajn, aħna ma nistimolawx l-*erotiżmu*, jiġifieri dik ix-xewqa għatxana fejn nidhru fl-għajnejn ta' ħaddieħor bħala "ġisem" u xejn aktar, imma nistiednu lill-ħaddieħor biex iħobbna b'qalb delikata li kapaċi appuntu tara lill-persuna sħiħa, lill-qalb tiegħi u mhux sempliċiment lill-ġismi.

Id-diċenza hija "mezz neċessarju biex ngħixu ħajja mibnija fuq l-imħabba oblativa (li tingħata) u serena".[19] Il-pudur għalhekk huwa rispett lejn l-istess imħabba, huwa għajnuna biex tirrifletti fl-għajnejn ta' ħaddieħor il-persuna tagħna.

Min hu bla diċenza huwa bħal flixkun tal-fwieħa li evaporat. Huwa kontenitur bla sustanza għax battal u baxxi lilu nnifsu. Il-ġisem bħala *lingwaġġ* tal-interjorita' tiegħi jitlob li jiġi protett u mgħejjun biex nesprimi dak li jien.

Id-diċenza allura tfisser ilbies xieraq, ilbies li joħloq rispett, flimkien ma' kliem xieraq li jirrifletti s-sbuħija tiegħi bħala persuna, ruħ u ġisem, u mhux sempliċiment il-laħam ta' ġisem. Tkun diċenti jfisser li fil-kliem u fl-atteġjamenti nżomm dik il-*healthy distance* li tgħin relazzjoni bejn tnejn tikber u mhux taqa' fl-użu reċiproku ta' xulxin.

## 5. Konklużjonijiet

Kif għidna fil-bidu, huwa impossibli fi ftit minuti tesponi dak li tfisser it-TOB. Illimitajna r-riflessjoni tagħna biex fil-qosor nuru x'inhu l-ġisem tal-bniedem fl-għajnejn tar-Rivelazzjoni u biex fil-kuntest tal-kors fuq *Relationships* niffokaw fuq xi aspetti tal-mod kif ngħixu bħala bnedmin inkarnati biex inkunu nistgħu nesprimu b'ġisimna l-imħabba awtentika ta' bejn il-persuni.

Din l-imħabba issib l-għajn tagħna f'Alla li huwa Mħabba (*1 Ġw* 4,16), dak Alla li ħalaqna fuq xbieha tiegħu, unita' ta' ġisem u ruħ, bnedmin sesswali (raġel u mara) li f'ġisimhom in-nuqqas ("mhux sew li l-bniedem jibqa' waħdu") isir il-bieb għall-*kumplimentarjeta'* u għall-*ħbiberija*.

Stajna għalhekk nifhmu aħjar ir-rispett lejn il-ġisem tagħna jekk nikkolokawh fil-post it-tajjeb fejn nevitaw li naqgħu fl-estremita' jew li tant ngħollu l-fuq lill-ġisem li nkunu assurdi jew tant nistmerruh li nirriduċuh għal sempliċi oġġett. Biex relazzjoni tkun ġenwina, trid tkun *relazzjoni inter-personali*. Biex jibnew dawn ir-relazzjonijiet bejn il-persuni jeħtieġ li l-ġisem tagħna jkun lingwaġġ li jikkomunika l-interjorita' tagħna, u dan iseħħ biss jekk *nipposseduh* biex inkunu nistgħu *nagħtuh*.

---

[18] Cf. PALUMBIERI, *Antropologia e sessualità...*, 282.
[19] *Ibid.*

Jalla aħna nkomplu dejjem infittxu s-*sens* tal-ġisem tagħna. L-aħħar dettall li nisiltu mill-Ġenesi huwa dak ta' meta Alla stieden lill-bniedem jagħti isem lill-ħlejjaq (*Ġen* 2,20). Li tagħti *isem* ifisser li l-bniedem kien kapaċi jara s-sinifikat (*meaning*) profond ta' dawk il-ħlejjaq. Hekk ukoll il-bniedem, bħala *animal symbolicum*, ikun tassew bniedem meta jfittex is-*sens* tal-ħajja tiegħu, tas-sesswalita' tiegħu, għax is-sensi tagħna jfittxu s-*sens* tar-realta'. U jekk il-bniedem jagħraf is-sens ta' ġismu, allura tassew ħajtu tagħti glorja lil Alla u ssebbaħ il-qlub ta' madwarha bl-imħabba vera. Grazzi!